**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. NOEL V. ARRIGO, LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 19 ta' April, 2001**

**Numru 8**

**Att ta' Akkuza Nru. 2/99**

**Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Boulos Sabet San Hanna**

**Il-Qorti,**

Din hija sentenza fuq appell maghmul mill-akkuzat misjub hati fuq ammissjoni tieghu stess kontra s-sentenza moghtija fil-konfront tieghu mill-Onorabbli Qorti Kriminali fis-26 ta' Ottubru, 1999, liema sentenza taqra kif gej:-

"Il-Qorti:

Rat l-Att ta' Akkuza numru 2 ta' l-1999;

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentata fl-udjenza tal-bierah, 25 ta' Ottubru, 1999, li permezz taghha l-istess Avukat Generali irriduca l-akkuza fl-ewwel kap minn wahda ta' tentattiv ta' omicidju volontarju ghal akkuza ta' "ferita [**recte:** offiza] gravi ai termini tal-artikoli 214, 215, 216, 217 u 533 tal-Kodici Kriminali";

Semghet lill-Avukat Dott. Joseph Brincat, ghall-akkuzat presenti fl-awla, jaghti ruhhu b'notifikat bl-akkuza kif mibdula;

Semghet, ukoll fl-udjenza tal-bierah, l-ammissjoni tal-imsemmi Boulos Sabet San Hanna ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu fl-imsemmi Att ta' Akkuza kif modifikati (in kwantu ghall-ewwel kap) bin-nota imsemmija, f'liema ammissjoni huwa ppersista anke wara li gie mwissi b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u nghata zmien biex jerga' lura minnha, kif provvdut fl-Artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali;

Tiddikjara lill-imsemmi Boulos Sabet San Hanna hati ta' offiza gravi volontarja fuq il-persuna liema offiza giet maghmula b'arma regolari jew bi strument li jaqta jew iniggez, u dan skond l-ewwel kap tal-imsemmi Att ta' Akkuza; tiddikjarah ukoll hati talli fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna jew fil-hin li gie arrestat ghall-eghmil ta' xi delitt kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, u ma kienx qieghed igorr dik l-arma tan-nar jew arma regoalri ghal xi ghan legittimu, u dan skond it-tieni kap ta' l-istess Att;

Semghet lill-Avukat Dott. Joseph Brincat ghall-hati u lill-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Mark Said ghall-prosekuzzjoni; hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, fosthom (i) in-natura u n-numru ta' l-offizi li garrab il-vittma Tayez Faoud Hamanin Yousef, u l-konsegwenzi taghhom, kif jirrisulta mid-deposizzjonijiet tat-tobba Gordon Ellul, Mario Scerri u Dino Vella Briffa, mid-deposizzjonijiet tal-kirurgu Victor Sultana, u mid-deposizzjoni tal-vittma moghtija l-bierah, (ii) il-fatt li l-vittma hafer lill-hati fl-udjenza tal-bierah, u (iii) iz-zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz; hadet in konsiderazzjoni wkoll il-linji gwida minnha stess enuncjati fis-sentenza tal-24 ta' Frar, 1997 fl-ismijiet _Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi_ fil-kaz meta jkun hemm ammissjoni; tosserva in partikolari li qabel ma sar l-intervent mill-kirurgu aktar 'l fuq imsemmi, il-vittma Tayez Faoud Hamanin Yousef kien fil-perikolu tal-mewt;

Rat l-Artikolu 26 tal-Ordinanza dwar l-Armi, Kap. 66, kif ukoll l-Artikoli 214, 215, 216, 217, 17(h), 22 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9;

Tikkundanna lill-imsemmi Boulos Sabet San Hanna ghall-piena ta' sentejn u ghaxar xhur prigunerija mill-lum, kif ukoll tikkundannah ihallas lir-Registratur, fi zmien xahar mill-lum, is-somma ta' seba' mija u hames liri (Lm705), spejjez peritali inkorsi f'dawn il-proceduri.

Kif inghad, l-appellant interpona appell permezz ta' rikors appositu pprezentat fil-11 ta' Novembru, 1999, fejn huwa talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull piena u htija skond Il-ligi, u fil-kaz li din il-Qorti tikkonferma l-htija, illi timmodifika s-sentenza appellata billi tnaqqas il-piena inflitta jew li tapplika xi piena ohra li m'hijiex wahda karcerarja.

Din il-Qorti sejra tibda bl-ewwel aggravju li hu fil-fatt l-iktar wiehed importanti u li appena jaqa' hu se jgorr mieghu konsegwenzi pjuttost gravi u preguzzjevoli ghall-kumplament ta' l-appell.

L-appellant jissottometti li ghalkemm hu fatt li mill-verbal tas-seduta tal-25 ta' Ottubru, 1999 jirrizulta li hu ammetta l-akkuzi, huwa ghamel hekk mhux ghax fil-fatt hu kkommetta dawk id-delitti, izda ghaliex inghata x'jahseb li dak li kien ser jehel kien semplicement li ser jigi deportat minn Malta. Huwa fil-fatt kien ilu detenut ghal kwazi 10 xhur. Ghalhekk, jissottometti li l-kunsens rikjest ghal tali ammissjoni kien frott ta' misinterpretazzjoni.

Din hija allegazzjoni serja li ugwalment kienet tirrikjedi almenu prova sufficjenti li dak li qed jigi allegat huwa minnu. Invece din il-Qorti, minn ezami ta' l-atti processwali tinnota illi ma hemm assolutament xejn x'jindika li l-akkuzat, li fil-kors tal-proceduri fil-prim'istanza kien assistit mill-abbli Avukat Dr. Brincat, anke wara li kien hemm tibdil sostanzjali f'riduzzjoni ta' l-akkuza kontenuta fl-ewwel kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, ammetta minhabba li fehem dak li qed jghid li kien ser jigri, u li cioe', li meta giet ridotta l-akkuza minn wahda ta' omicidju volontarju ghal wahda ta' ferita gravi hu fehem li jekk jammetti hu ma kien ser jehel xejn u kien semplicement ser jigi deportat. Din hi sottomissjoni li din il-Qorti mhix pronta li taghtiha aktar importanza milli fil-fatt tatha s'issa u ghalhekk mhix qed taccettaha.

L-appellant imbaghad jissottometti li l-piena nflitta fuqu ma haditx in konsiderazzjoni z-zmien li hu kien ilu detenut jistenna li l-kaz tieghu jinstema' u jigi deciz. Huwa kien ghamel diversi talbiet biex il-Qorti tordna l-helsien mill-arrest tieghu pero' dawn ma kienux gew milqugha. Hu veru li t-tnaqqis taz-zmien ta' detenzjoni hu diskrezzjonali, pero', jissottometti l-appellant, ma hemm xejn f'dan il-kaz li jiggustifika li l-Qorti m'applikatx dak li jsir solitament. Huwa jirrileva li kien ilu jinsab detenut kwazi 10 xhur meta nghatat is-sentenza appellata, dejjem gab ruhu tajjeb fil-habz, u kwindi kellu jibbenefika mir-remissjoni. Is-sentenza kif inhi tfisser li 10 xhur detensjoni jammontaw ghal perjodu ta' sena u xahar prigunerija, tenut kont tar-remissjoni li hu issa mhux ser jibbenefika minnha.

Huwa jissottometti wkoll illi l-ispejjez peritali li gie kundannat ihallas huma eccessivi u ghandhom jigu ridotti.

Fuq dan it-tieni aggravju din il-Qorti ftit ghandha xi tghid. Fir-rigward ta' l-ispejjez peritali m'hemm assolutament xejn x'jindika li r-raguni li qed tingieb mill-appellant ghandha xi valur. Kwantu jirrigwarda d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti li ma tnaqqaslux il-perijodu li kien inzamm taht arrest preventiv mill-piena karcerarja li kienet qed tinfliggi fuqu gie osservat illi l-ewwel Qorti ma kienetx obbligata li taghmel hekk, u fi kwalunkwe kaz iddikjarat li kienet qeghda tiehu in konsiderazzjoni z-zmien li ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz. Jigifieri l-piena kienet tkun ferm aktar kieku ma haditx dan il-perijodu ta' arrest preventiv in konsiderazzjoni li mbaghad kien ikollu jitnaqqas. Pero' ma hemm xejn x'jindika li l-appellant kien ser imur ahjar.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

Dep/Reg
mm